PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2010/2272(INI)**

25.5.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020
(2010/2272(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Oreste Rossi



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 10, 19 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal- 15 ta' Novembru 2010 bit-titolu 'Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636 final),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet[1](il-Konvenzjoni tan-NU), li huwa l-ewwel strument ġuridiku vinkolanti fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem li miegħu l-UE u l-Istati Membri aderixxew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva dwar it-trattament ugwali tal-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020[2],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2011 bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi (COM(2011)0011), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2011 dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (COM(2011)0006),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà,

[1] Adottata fl-2007 u ffirmata mill-Istati Membri kollha u mill-UE; ratifikati sal-15 ta' Ottubru 2010 minn 16-il Stat Membru (BE, CZ, DK, DE, ES, FR, IT, LV, LT, HU, AT, PT, SI, SK, SE, UK) filwaqt li l-bqija huma fil-proċess li jagħmlu dan. Il-Konvenżjoni tan-NU se tkun torbot fl-UE u se tifforma parti mill-ordinament ġuridiku tagħha.
[2] Testi adottati, P7_TA(2010)0309.

– wara li kkunsidra l-Artikoli 1, 21 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE[1],

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Valuri u l-Prinċipji Komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (2006/C146/01),

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2010 dwar 'Ekwità u saħħa fil-politiki kollha: is-solidarjetà fis-saħħa',

A. billi waħda minn kull sitt persuni fl-Unjoni Ewropea għandha diżabilità, li tista' tvarja minn diżabilità ħafifa għal waħda gravi[2],

B. billi 'l fuq minn terz tal-persuni li għandhom 'il fuq minn 75 sena għandhom diżabilità u, bħala riżultat tal-bidla demografika, l-għadd ta' persuni b'diżabilità mistenni jiżdied,

C. billi l-persuni b'diżabilità jikkostitwixxu grupp vulnerabbli, li fosthom ir-rata tal-faqar hija 70% ogħla mill-medja; billi dan l-esponiment ogħla għar-riskju tal-faqar huwa r-riżultat ta' aċċess spiss limitat mhux biss għall-impjiegi u t-taħriġ, iżda wkoll għall-kura tas-saħħa u t-trattament xieraq,

D. billi jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-mod li bih jiġi pprovdut l-appoġġ lill-persuni l-iktar vulnerabbli u l-arranġamenti għall-inklużjoni tagħhom; billi kieku dawk l-attivitajiet ta' appoġġ kellhom ikunu remunerati, kieku jammontaw għal kważi 50% tal-PDG (skont rapport mill-Kummissjoni Stiglitz fi Franza),

E. billi s-suċċess tal-istrateġija Ewropa 2020, li l-objettiv tagħha huwa li tiżviluppa tkabbir Ewropew li jkun intelliġenti (ibbażat fuq l-innovazzjoni u r-riċerka), sostenibbli u inklużiv, se jirrikjedi neċessarjament titjib strutturali fir-rigward tal-mobilità u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità,

F. billi, fi żmien ta' kriżi ekonomika, huwa urġenti u essenzjali li jitfasslu mill-ġdid is-sistemi nazzjonali tas-saħħa pubblika sabiex isiru iktar effiċjenti, ibbilanċjati u vijabbli,

G. billi għandu jiġi enfasizzat li l-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità spiss ma jkunux jistgħu jipparteċipaw għalkollox fl-attivitajiet ekonomiċi fis-soċjetà minħabba ostakli fiżiċi u ostakli oħrajn, u minħabba diskriminazzjoni jew stigma soċjali,

H. billi l-parteċipazzjoni iktar baxxa fl-edukazzjoni ġenerali u fis-suq tax-xogħol twassal għal inugwaljanzi tad-dħul u faqar għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll għall-esklużjoni soċjali u l-iżolament,

I. billi fil-grupp ta' etajiet mis-16 sad-19-il sena r-rata ta' nonparteċipazzjoni fl-edukazzjoni hija ta' 37% għall-persuni b'restrizzjoni konsiderevoli, u ta' 25% għal dawk b'ċerta

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0081.
[2] Stħarriġ dwar il-Forzi tax-Xogħol tal-UE, modulu ad hoc dwar l-impjieg tal-persuni b'diżabilità (IFL MAH), 2002.

restrizzjoni, meta mqabbla ma' 17% għal dawk mingħajr restrizzjoni,

J. billi r-rata ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità hija biss ta' madwar 50%, filwaqt li impjiegi ta' kwalità għolja jiżguraw indipendenza ekonomika, irawmu r-realizzazzjoni personali u joffru l-aqwa protezzjoni kontra l-faqar,

1. Itenni li s-servizzi tas-saħħa kollha fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu bbażati fuq il-valuri fundamentali tal-universalità, l-aċċess għal kura ta' kwalità għolja u s-solidarjetà;

2. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ effiċjenti ġdid lejn id-diżabilità, li jibda bil-ħolqien ta' mekkaniżmu aktar effikaċi għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità; jenfasizza f'dan il-kuntest kemm huwa importanti li l-persuni b'diżabilità, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu f'dan il-qasam, għandhom ikunu involuti f'din il-ħidma;

3. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, miżuri soċjali speċifiċi biex jiġi żgurat aċċess indaqs għall-kura tas-saħħa, inklużi servizzi tas-saħħa u ta' riabilitazzjoni ta' kwalità għolja għall-persuni b'diżabilità fiżika u għall-dawk b'diżabilità mentali;

4. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu li l-persuni kollha b'diżabilità jkollhom id-dritt indaqs li jgħixu fil-komunità, bl-istess għażliet bħal ħaddieħor, u b'hekk jiżguraw l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sħaħ tagħhom fil-komunità tagħhom; jiggarantixxu li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jagħżlu fejn u ma' min jgħixu fuq bażi ugwali ma' persuni oħra u mhumiex obbligati jagħżlu xi arranġament ta' għajxien partikolari; u jiggarantulhom aċċess għal firxa ta' servizzi ta' appoġġ komunitarju fid-dar, residenzjali u oħrajn, inkluża assistenza personali, sabiex jiġi pprevenut l-iżolament jew is-segregazzjoni mill-komunità tagħhom;

5. Jitlob lill-Istati Membri jipproċedu, permezz tal-'metodu ta' koordinament miftuħ', bi skambju ta' informazzjoni, ta' ideat u tal-aħjar prattiki dwar il-provvediment ta' kura fuq perjodu twil lill-persuni b'diżabilità fiżika jew mentali u jadottaw miżuri u standards professjonali minimi bil-għan li:

   (a) jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa u l-benesseri u jiġi żgurat li jkun hemm salvagwardji għall-persuni b'diżabilità fil-komunità u fil-kuntesti ta' kura;

   (b) jiġi ttrattat b'mod determinat u organizzat l-abbuż fil-konfront tal-persuni b'diżabilità;

   (c) jiġu pprovduti servizzi ta' riabilitazzjoni adegwati, b'influwenza mifruxa ħafna, li jkunu bbażati fuq ix-xewqa tal-persuni b'diżabilità għall-awtonomija u li jfittxu li jintegrawhom mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol, jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-komunità u jiġu ppromossi servizzi tas-saħħa mentali bbażati fuq il-Patt Ewropew għas-Saħħa Mentali u l-Benesseri u l-iżvilupp ta' programm ta' intervent bikri u assistenza personali, inklużi servizzi għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet,

   (d) jiġu appoġġati l-familji tal-pazjenti u l-professjonisti li jaħdmu fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali permezz ta' informazzjoni b'miri partikolari u miżuri ta' taħriġ u billi l-

associjazzjonijiet tal-pazjenti jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċess tal-monitoraġġ;

(e) tingħata għajnuna fit-tixrid tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet sabiex jiġu promossi l-kura ta' kwalità għolja fi ħdan il-familji għall-persuni b'diżabilità u l-indipendenza tagħhom u opportunitajiet biex jaħdmu b'mod kompetittiv;

(f) jitwaqqaf 'punt integrat ta' waqfa waħda għall-aċċess għal servizzi għall-persuni b'diżabilità' bil-għan li mmorru lil hinn mill-approċċ limitat meħud mill-faċilitajiet ta' konsulenza soċjali u tas-saħħa li diġà jeżistu;

(g) tiġi żgurata reazzjoni aħjar għall-bżonnijiet speċifiċi tal-ħaddiema li jsofru minn mard invalidanti u kundizzjonijiet kroniċi mil-lat tal-integrazzjoni u ż-żamma tagħhom fil-post tax-xogħol;

(h) tintefa' attenzjoni ffukata fuq il-prevenzjoni tad-diżabilitajiet u l-prevenzjoni tal-kundizzjonijiet sekondarji li jkunu jew ta' natura mentali jew fiżika li ta' sikwit jiżviluppaw b'riżultat tal-indeboliment primarju tal-individwu;

6. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż minn fuq dawk li jieħdu ħsieb ta' anzjani jew ta' persuni b'diżabilità u – sabiex jippermettu lil dawn il-persuni li jieħdu ħsieb l-oħrajn isibu impjieg – jistabbilixxu sistemi ta' kura integrati;

7. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu passi biex jirrikonoxxu l-lingwa tas-sinjali u l-Braille;

8. Jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażagħ b'diżabilità jingħataw appoġġ effikaċi u mfassal apposta għalihom kif ukoll opportunitajiet reali u ugwali f'dak li hu aċċess fiżiku, sensorju u konjittiv għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kultura, id-divertiment, l-isports, l-attivitajiet soċjali u l-involvimwent fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi u ċivili;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità jew il-persuni morda li ma jistgħux isibu soluzzjonijiet xierqa għall-problemi tagħhom minħabba li fil-fehma tal-kumpaniji li jipprovdu għajnuniet nutrittivi jew prostetiċi dawk is-soluzzjonijiet ma jħallux qligħ;

10. Ifakkar fl-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li fiha l-Istati Partijiet wiegħdu li jassiguraw li l-persuni b'diżabilità ma jiġux esklużi mis-sistema ġenerali tal-edukazzjoni, jew mill-edukazzjoni sekondarja, abbażi tad-diżabilità, u li tkun provduta akkomodazzjoni raġonevoli għall-ħtiġijiet tal-individwu, flimkien mal-appoġġ meħtieġ; għalhekk, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti edukazzjoni inklussiva u tagħlim tul il-ħajja għall-alljievi u l-istudenti b'diżabilità u sistema ta' inklużjoni personalizzata għall-identifikar bikri ta' bżonnijiet speċjali, iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu sal-aħħar l-impenji msemmija hawn fuq;

11. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jirristrutturaw is-sistemi tal-kura tas-saħħa li qed ifallu u jirrazzjonalizzaw l-infiq pubbliku fil-kura tas-saħħa sabiex joffru aċċess ġust għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, bla diskriminazzjoni, lill-persuni b'diżabilità madwar l-UE kollha; iħeġġiġhom, għalhekk, jippromwovu t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali

għal waħda bbażata fil-komunità billi jużaw il-Fondi Strutturali u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali;

12. Jenfasizza l-bżonn li jiġu sfruttati kemm jista' jkun il-kampanji għat-trawwim ta' kuxjenza u li tiġi analizzata b'mod aktar effikaċi l-informazzjoni dwar id-diżabilità li tinġabar permezz tal-istħarriġ soċjali fl-Unjoni Ewropea;

13. Jenfasizza kemm hu importanti li aktar persuni b'diżabilità u ħaddiema li jsofu minn mard invalidanti u kundizzjonijiet kroniċi jew jibqgħu fix-xogħol jew jidħlu fl-impjieg permezz ta' metodi bħalma hija l-impożizzjoni ta' kwoti speċifiċi fuq dawk li jħaddmu jew miżuri biex l-impjiegi jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' dawk b'diżabilità li qed ifittxu x-xogħol u tal-ħaddiema li għandhom diżabilità jew kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni ssussidjati; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jkunu ta' eżempju rigward l-impjegar tal-persuni b'diżabilità u jħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu din l-istrateġija wkoll;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi t-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' ċentri akkreditati għad-dijanjożi u t-trattament ta' forom speċifiċi ta' mard rari, sabiex jikkoordina u jissorvelja l-attivitajiet tagħhom u l-benefiċċji li huma joffru lill-pazjenti;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex ma tkomplix bil-prosekuzzjoni ta' workshops protetti u intrapriżi soċjali li jirċievu sussidji Statali, kif kienet għamlet fil-passat, abbażi r-raġuni tat-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;

16. Jenfasizza l-bżonn li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibbenefikaw minn sistemi ta' protezzjoni soċjali u programmi għat-tnaqqis tal-faqar, assistenza relatata mad-diżabilità, programmi ta' akkomodazzjoni soċjali u servizzi ta' abilitazzjoni oħrajn, u minn programmi ta' rtirar u ta' benefiċċji;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex tiġi promossa l-inklużjoni ta' klawżoli ta' aċċessibilità fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' appalti pubbliċi, inklużi, il-kuntratti għal faċilitajiet ta' trasport u bini;

18. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu mobilità sħiħa għall-persuni b'diżabilità billi:

(a) jneħħu l-barrieri arkitettoniċi li jżommu lill-persuni b'diżabilità milli jiċċaqilqu liberament;

(b) jinkorporaw servizzi ddedikati tat-trasport għall-persuni b'diżabilità fis-sistema tat-trasport pubbliku;

(c) jipprovdu sistemi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni xierqa fl-istazzjonijiet u l-ajruporti u fl-istazzjonijiet tal-karozzi tal-linja matul it-toroq;

19. Jenfasizza r-rwol tax-xogħol volontarju bħala għajn vitali ta' appoġġ għall-persuni b'diżabilità u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu u jkomplu l-inizjattivi u l-programmi ta' appoġġ iddedikati għal tali xogħol;

20. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka dwar metodi terapewtiċi ġodda li jkomplu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li t-terapija

bid-drama u bl-annimali ta' kumpanija, pereżempju, qed juru li huma effikaċi fil-promozzjoni tas-soċjalizzazzjoni u l-komunikazzjoni interpersonali;

21. Jenfasizza kemm hu importanti li l-Istati Membri jadottaw id-direttiva tal-UE dwar it-trattament ugwali tal-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u jistieden lill-Istati Membri biex dan jagħmluh prijorità u jadottawh mill-aktar fis possibbli;

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.5.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 49<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Nick Griffin, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Klaß, Jo Leinen, Corinne Lepage, Kartika Tamara Liotard, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Gilles Pargneaux, Andres Perello Rodriguez, Sirpa Pietikäinen, Mario Pirillo, Vittorio Prodi, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Åsa Westlund, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Inés Ayala Sender, Matthias Groote, Riikka Manner, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Michail Tremopoulos, Anna Záborská |